| ***(d) id-detenzjoni tintuża f'każijiet individwali u l-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni kif previsti fl-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati u l-proċedura dwar il-fruntiera ma tistax tiġi applikata lill-applikant ikkonċernat mingħajr detenzjoni.*** | |
| ***F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lill-applikant jidħol fit-territorju tal-Istat*** | |

***Membru.***

Or. en

**Emenda 316**
**Lukas Mandl**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw jew għandhom jieqfu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera ***fi kwalunkwe stadju tal-proċedura*** fejn: | 9. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw jew għandhom jieqfu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera ***f'ċirkostanzi individwali eċċezzjonali*** fejn: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eċċezzjonijiet għandhom ikunu limitati għal każijiet speċjali ħafna, jew ċirkostanzi speċjali, li b'mod partikolari jistgħu jwasslu għal kwistjonijiet relatati mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.*

**Emenda 317**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-awtorità determinanti tqis li r-raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni bħala inammissibbli jew għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata ta' eżami mhumiex applikabbli jew ma għadhomx applikabbli;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 318**

**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-awtorità determinanti tqis li r-raġunijiet għar-rifjut ta' applikazzjoni bħala inammissibbli jew għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata ta' eżami mhumiex applikabbli jew ma għadhomx applikabbli;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 319**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-awtorità determinanti tqis li r-raġunijiet ***għar-rifjut ta' applikazzjoni bħala inammissibbli jew*** għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata ta' eżami mhumiex applikabbli jew ma għadhomx applikabbli; | (a) l-awtorità determinanti tqis li r-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata ta' eżami mhumiex applikabbli jew ma għadhomx applikabbli; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda konsegwenzjali wara l-bidla fl-Artikolu 41(2). Eżamijiet tal-merti biss għandhom isiru fi proċedura fuq il-fruntiera.*

**Emenda 320**
**Lukas Mandl**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-awtorità determinanti ***tqis*** li r-raġunijiet ***għar-rifjut ta' applikazzjoni bħala inammissibbli jew*** għall-applikazzjoni tal-proċedura ***aċċellerata ta' eżami mhumiex applikabbli jew*** ma għadhomx ***applikabbli***; | (a) l-awtorità determinanti ***tista' tipprovdi raġunament sostanzjali jew ikun hemm evidenza ċara*** li r-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura ***fuq il-fruntiera*** ma għadhomx ***japplikaw***; |

Or. en

**Emenda 321**
**Jadwiga Wiśniewska, Patryk Jaki**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-appoġġ meħtieġ ma jistax jiġi pprovdut lill-applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14;*** | ***imħassar*** |

Or. pl

**Emenda 322**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***l-appoġġ meħtieġ ma jistax jiġi pprovdut lill-applikanti*** bi bżonnijiet proċedurali speċjali ***fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14***; | (b) ***l-applikant ikun ġie identifikat bħala vulnerabbli jew*** bi bżonnijiet proċedurali ***jew ta' akkoljenza*** speċjali; ***Il-vulnerabbiltajiet għandhom jiġu kkunsidrati, identifikati u vvalutati kontinwament fl-istadji kollha tal-proċedura. Għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil persuni b'vulnerabbiltajiet inqas viżibbli, bħas-superstiti tat-tortura, il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u persuni b'kundizzjonijiet*** |

***ta' saħħa mentali.***

Or. en

**Emenda 323**
**Lukas Mandl**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***l-appoġġ meħtieġ*** ma jistax jiġi ***pprovdut lill-applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14;*** | (b) ***l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera tirriżulta f'riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti għall-persuna kkonċernata skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u dan*** ma jistax jiġi ***pprevenut bl-applikazzjoni ta' garanziji u salvagwardji individwali.*** |

Or. en

**Emenda 324**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***l-appoġġ meħtieġ ma jistax jiġi pprovdut lill-applikanti*** bi bżonnijiet proċedurali ***speċjali fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14***; | (b) ***l-applikant ikun ġie identifikat bħala applikant*** bi bżonnijiet proċedurali ***jew ta' akkoljenza speċifiċi***; |

Or. en

**Emenda 325**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***l-appoġġ meħtieġ ma jistax jiġi pprovdut lill-applikanti*** bi bżonnijiet proċedurali speċjali ***fil-postijiet imsemmija fil-paragrafu 14;*** | (b) ***hemm applikanti vulnerabbli*** bi bżonnijiet ***ta' akkoljenza speċifiċi jew li jeħtieġu garanziji*** proċedurali speċjali |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-applikanti vulnerabbli għandhom jiġu eżentati mill-proċedura, inkluż meta tiġi identifikata vulnerabbiltà fi stadju aktar tard tal-proċedura. It-terminoloġija użata hija mill-pożizzjoni tal-PE dwar id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u d-Direttiva dwar il-Kwalifika.*

**Emenda 326**
**Jadwiga Wiśniewska, Patryk Jaki**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) ikun hemm raġunijiet mediċi biex il-proċedura fuq il-fruntiera ma tiġix applikata;*** | ***imħassar*** |

Or. pl

**Emenda 327**
**Lukas Mandl**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) ikun hemm raġunijiet mediċi biex il-proċedura fuq il-fruntiera ma tiġix applikata;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 328**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ikun hemm raġunijiet mediċi biex il-proċedura fuq il-fruntiera ma tiġix applikata; | (c) ikun hemm raġunijiet mediċi biex il-proċedura fuq il-fruntiera ma tiġix applikata***, inkluż raġunijiet ta' saħħa mentali***; |

Or. en

**Emenda 329**
**Lukas Mandl**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) id-detenzjoni tintuża f'każijiet individwali u l-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni kif previsti fl-Artikoli 8 sa 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati u l-proċedura dwar il-fruntiera ma tistax tiġi applikata lill-applikant ikkonċernat mingħajr detenzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 330**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) id-debriefing wara l-iskrinjar skont [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar] fih elementi li jindikaw li l-applikant jinsab f'sitwazzjoni vulnerabbli, huwa vittma ta' tortura jew għandu bżonnijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali.*** |

Or. en

**Emenda 331**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) tintuża restrizzjoni tal-moviment u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet mhumiex konformi mad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]*** |

Or. en

**Emenda 332**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lill-applikant jidħol fit-territorju tal-Istat Membru.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 333**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha ***tawtorizza lill-applikant jidħol fit-territorju tal-Istat Membru***. | F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha ***tkompli tivvaluta t-talba tal-applikant fil-proċedura regolari tal-ażil. Il-vulnerabbiltajiet għandhom jiġu kkunsidrati, identifikati u vvalutati kontinwament fl-istadji kollha tal-proċedura fuq il-fruntiera. Għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil persuni b'vulnerabbiltajiet inqas viżibbli, bħas-superstiti tat-tortura, il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u persuni b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali.*** |

Or. en

**Emenda 334**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lill-applikant jidħol fit-territorju tal-Istat Membru. | F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza lill-applikant jidħol fit-territorju tal-Istat Membru***, jekk ma jkunx diġà ġie awtorizzat biex jagħmel dan***. |

Or. en

**Emenda 335**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Mingħajr preġudizzju għas-sitwazzjoni legali tan-nuqqas ta' dħul, għal mard serju fejn ma jkunx possibbli li tingħata kura medika xierqa fil-fruntiera, l-applikant jista' jiġi ttrasferit lejn it-territorju tal-Istati Membri biex jirċievi tali kura medika.*** |

Or. en

**Emenda 336**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ħamest ijiem mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, wara rilokazzjoni skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ħamest ijiem minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex il-persuni li jkunu qed ifittxu protezzjoni fi proċedura fuq il-fruntiera jiġu pprovduti b'inqas drittijiet minn dawk fi proċedura ordinarja. Il-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għandhom ikunu l-istess fiż-żewġ sitwazzjonijiet.*

**Emenda 337**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ħamest ijiem mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, wara rilokazzjoni skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ħamest ijiem minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 338**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ħamest ijiem mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, wara rilokazzjoni skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ħamest ijiem minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 339**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ***ħamest ijiem*** mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, ***wara rilokazzjoni skont l-Artikolu [x] tar-Regolament UE (Nru) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni], ħamest ijiem*** minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament. | 10. B'deroga mill-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard minn ***jum wieħed*** mir-reġistrazzjoni għall-ewwel darba jew, ***jum wieħed*** minn meta l-applikant jasal fl-Istat Membru responsabbli wara trasferiment skont l-Artikolu 56(1), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament. |

Or. en

**Emenda 340**
**Jadwiga Wiśniewska, Patryk Jaki**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. ***Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.*** Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1). | 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1). |

Or. pl

**Emenda 341**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha ***tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha*** titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. ***Wara*** dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ***ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1)***. | 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. ***Matul*** dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru***. Wara t-12-il ġimgħa, l-applikanti għandhom jiġu indirizzati lejn il-proċedura regolari tal-ażil, inkluż f'każ ta' appell li jkun għaddej.*** |

Or. en

**Emenda 342**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija ***fil-paragrafi 2 u 3*** u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien ***12-il ġimgħa*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. ***Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat*** | 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija ***fil-paragrafu 2*** u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien ***25 ġimgħa*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. |

***Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1).***

Or. en

**Emenda 343**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija ***fil-paragrafi 2 u 3*** u ***kwalunkwe*** deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ***ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1)***. | 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija ***fil-paragrafu 2*** u ***tista' tinkludi*** deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. ***Jekk,*** wara dak il-perjodu***, id-deċiżjoni tal-ewwel istanza u d-deċiżjoni dwar l-appell, jekk applikabbli, ma jkunux ittieħdu***, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ***jekk ma jkunx diġà ntalab jagħmel dan***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 55 diġà jippreżentaw interferenza sinifikanti mal-organizzazzjoni tax-xogħol ġudizzjarju fl-Istati Membri. Iż-żieda ta' aktar livelli ta' kumplessità u skadenzi ġodda mhijiex ta' għajnuna.*

**Emenda 344**
**Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. ***Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1).*** | 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. |

Or. en

**Emenda 345**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha ***tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha*** titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu ***jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1)***. | 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha titlesta fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu ***jiġi indirizzat lejn il-proċedura regolari tal-ażil***. |

Or. en

**Emenda 346**
**Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien ***12-il ġimgħa*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1). | 11. Il-proċedura fuq il-fruntiera għandha tkun qasira kemm jista' jkun filwaqt li fl-istess ħin tippermetti eżami komplet u ġust tal-pretensjonijiet. Għandha tinkludi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u kwalunkwe deċiżjoni dwar appell jekk applikabbli u għandha titlesta fi żmien ***16-il ġimgħa*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Wara dak il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ħlief meta jkun applikabbli l-Artikolu 41a(1). |

Or. en

**Emenda 347**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 348**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 349**
**Patryk Jaki, Jadwiga Wiśniewska**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.*** | ***imħassar*** |

Or. pl

**Emenda 350**
**Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien ***12-il ġimgħa*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. | B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien ***16-il ġimgħa*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. |

Or. en

**Emenda 351**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien ***12-il ġimgħa*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. | B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 34, 40(2) u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien ***25 ġimgħa*** minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. |

Or. en

**Emenda 352**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 11 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti ***fl-*** | B'deroga mil-limiti ta' żmien stabbiliti ***fl-*** |

| | |
|---|---|
| ***Artikoli 34, 40(2)*** u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. | ***Artikoli 34(2)*** u 55, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-proċedura ta' eżami u tal-proċedura ta' appell li jiżguraw li, fil-każ ta' appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fil-qafas tal-proċedura fuq il-fruntiera, id-deċiżjoni dwar tali appell tinħareġ fi żmien 12-il ġimgħa minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. |

Or. en

**Emenda 353**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. ***B'deroga mill-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu,*** l-applikant ma għandux ikun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ***fejn***: | 12. L-applikant ma għandux ikun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru ***sakemm tingħata deċiżjoni pożittiva dwar il-merti tal-applikazzjoni li tagħti protezzjoni internazzjonali lill-applikant.*** |

Or. en

**Emenda 354**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. ***B'deroga mill-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu, l-applikant ma għandux ikun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru fejn***: | 12. ***Matul il-proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandu jkollhom id-dritt awtomatiku li jibqgħu matul il-perjodu ta' appell kontra deċiżjoni negattiva dwar l-eżil u sakemm joħroġ l-eżitu tagħha.*** |

Or. en

**Emenda 355**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. ***B'deroga mill-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu, l-applikant ma għandux ikun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru fejn:*** | 12. ***L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu matul l-appell sakemm tittieħed id-deċiżjoni finali.*** |

Or. en

**Emenda 356**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) id-dritt tal-applikant li jibqa' jkun ġie rrevokat skont l-Artikolu 9(3), il-punt (a);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 357**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) id-dritt tal-applikant li jibqa' jkun ġie rrevokat skont l-Artikolu 9(3), il-punt (a);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 358**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) id-dritt tal-applikant li jibqa' jkun ġie rrevokat skont l-Artikolu 9(3), il-punt (a);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 359**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell fil-limitu ta' żmien applikabbli;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 360**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell fil-limitu ta' żmien applikabbli;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 361**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell fil-limitu ta' żmien applikabbli;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 362**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***l-applikant ma jkollu l-ebda dritt*** li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 ***u ma jkunx talab li jitħalla jibqa' għall-finijiet ta' proċedura ta' appell fil-limitu ta' żmien applikabbli***; | (b) ***qorti jew tribunal ikunu rrevokaw id-dritt tal-applikant*** li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi żgurat li d-dritt għal rimedju effettiv ikun sinifikattiv, applikant dejjem jeħtieġlu jkollu d-dritt li jibqa' sa l-ewwel livell ta' appell. Dejjem għandu jkun il-kompitu ta' Qorti jew Tribunal li jiddetermina, fuq il-fatti, jekk għandux jingħata d-dritt li jibqa'. Dan huwa applikabbli bl-istess mod għal applikazzjonijiet sussegwenti.*

**Emenda 363**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li l-applikant ma għandux jitħalla jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 364**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li l-applikant ma għandux jitħalla jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 365**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li*** | ***imħassar*** |

***jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li l-applikant ma għandux jitħalla jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell.***

Or. en

**Emenda 366**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) l-applikant ma jkollu l-ebda dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 54 u qorti jew tribunal ikunu ddeċidew li l-applikant ma għandux jitħalla jibqa' sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċedura ta' appell.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 367**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-applikant huwa ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku.*** |

Or. en

**Emenda 368**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F'każijiet bħal dawn, fejn l-applikant kien soġġett għal deċiżjoni tar-ritorn maħruġa skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] jew ċaħda ta' dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, għandu japplika l-Artikolu 41a.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 369**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F'każijiet bħal dawn, fejn l-applikant kien soġġett għal deċiżjoni tar-ritorn maħruġa skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] jew ċaħda ta' dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, għandu japplika l-Artikolu 41a.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 370**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 12 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'każijiet bħal dawn, fejn l-applikant kien soġġett għal deċiżjoni tar-ritorn maħruġa skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] jew ċaħda ta' dħul | F'każijiet bħal dawn, fejn l-applikant kien soġġett għal deċiżjoni tar-ritorn maħruġa skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] jew ċaħda ta' dħul |

skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***għandu japplika*** l-Artikolu 41a.

skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***jista' jiġi applikat*** l-Artikolu 41a.

Or. en

**Emenda 371**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom ***jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera***, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3*** u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. | 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom ***jiġu akkomodati f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza). Iż-żona assenjata ma għandhiex taffettwa l-isfera inaljenabbli tal-ħajja privata u għandha tippermetti aċċess effettiv għad-drittijiet u l-benefiċċji kollha skont din id-Direttiva. Il-libertà għandha tkun in-norma f'dawn il-postijiet u d-detenzjoni għandha tibqa' miżura tal-aħħar għażla. Kwalunkwe deċiżjoni ta' detenzjoni trid tittieħed abbażi ta' valutazzjoni individwali. Din trid tiġi ddeterminata bħala meħtieġa, raġonevoli u proporzjonata għal finijiet leġittimi. Id-deċiżjoni ta' tqegħid f'detenzjoni trid tiġi rieżaminata bl-inqas dewmien possibbli minn awtorità ġudizzjarja jew minn awtorità indipendenti oħra u tkun soġġetta għad-dritt ta' appell. Il-ħtieġa li tinżamm detenzjoni trid tiġi rieżaminata perjodikament***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu ***filwaqt li jiġu garantiti d-*** |

***drittijiet kollha skont id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza***.
Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.

Or. en

**Emenda 372**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti ***għandhom*** jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera***, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu***, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3 u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. | 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti ***jistgħu*** jinżammu ***fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż*** fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu ***dment li jkunu f'konformità sħiħa mad-Direttiva XXX/XXX/UE (Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) u li l-bżonnijiet speċifiċi tal-applikanti jkunu salvagwardjati kif xieraq***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3 u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. |

Or. en

**Emenda 373**
**Juan Ignacio Zoido Álvarez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti ***għandhom jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3 u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. | 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, ***l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jeħtieġu li*** l-applikanti ***jibqgħu fil-postijiet li kull Stat Membru jagħżel biex itemm il-proċedura fuq il-fruntiera***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3 u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. |

Or. es

**Emenda 374**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet ***soġġetti għal*** proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [***xahrejn*** wara d-data tal- | 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet ***fil-proċedura*** fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [***sitt xhur*** wara d-data tal- |

applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, ***inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3*** u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni ***xahrejn*** qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.

applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni ***sitt xhur*** qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ ***sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex jidentifikaw postijiet ġodda***.

Or. en

**Emenda 375**
**Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera***, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu***, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3 u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. | 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. ***L-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll postijiet oħra, abbażi ta' bżonnijiet ġeografiċi, loġistiċi jew ta' xorta oħra***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3 u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni |

xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.

Or. en

**Emenda 376**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti ***għandhom jinżammu*** fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera***, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3*** u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. | 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti ***jistgħu jiġu akkomodati*** fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu ***dment li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jikkonformaw mad-Direttiva (UE) XXX/XXX***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza tapplika għall-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali. Din tapplika bl-istess mod għall-proċedura fuq il-fruntiera, li fi kwalunkwe każ ma għandhiex tkun obbligatorju. Bidliet oħra huma għal finijiet ta' konsistenza.*

**Emenda 377**

**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom ***jinżammu fil-fruntiera esterna jew fil-viċinanza tagħha jew fiż-żoni ta' tranżitu***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera***, fil-fruntieri esterni, fil-prossimità tal-fruntiera esterna jew taż-żoni ta' tranżitu, inkluż meta jiġi applikat il-paragrafu 3*** u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. | 13. Matul l-eżami tal-applikazzjonijiet soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera, l-applikanti għandhom ***jiġu akkomodati f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]***. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn [xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-postijiet fejn se titwettaq il-proċedura fuq il-fruntiera u jiġi żgurat li l-kapaċità ta' dawk il-postijiet tkun biżżejjed biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet koperti minn dak il-paragrafu. Kwalunkwe bidla fl-identifikazzjoni tal-postijiet li fihom tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni xahrejn qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ. |

Or. en

**Emenda 378**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex jiġu akkomodati l-applikanti f'konformità mal-Artikolu 7 [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] li jiddikjara li l-applikanti jistgħu jiċċaqilqu liberament fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti jew f'żona assenjata lilhom minn dak l-Istat Membru. Iż-żona assenjata ma*** |

***għandhiex taffettwa l-isfera inaljenabbli tal-ħajja privata u għandha tippermetti aċċess effettiv għad-drittijiet u l-benefiċċji kollha skont din id-Direttiva.***

Or. en

**Emenda 379**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13b. Fejn l-Istati Membri jimponu restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment, deċiżjoni bil-miktub għandha tikkwalifika l-miżuri bħala detenzjoni jew restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment, u għandha tiddikjara r-raġunijiet għal dawn il-miżuri fil-fatt u fil-liġi.*** |

Or. en

**Emenda 380**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13c. Stat Membru ma għandux iżomm applikant f'detenzjoni fil-kuntest ta' proċedura fuq il-fruntiera sakemm ma jkunx ivvaluta individwalment il-każ ta' dak l-applikant abbażi tal-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità. Id-detenzjoni għandha tiġi applikata biss bħala miżura tal-aħħar għażla u għall-iqsar żmien possibbli, dment li valutazzjoni individwali u motivata tkun uriet li ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv miżuri inqas koerċittivi fil-każ*** |

***speċifiku u li d-detenzjoni ma tkunx ta' ħsara sproporzjonata. Valutazzjoni tal-vulnerabbiltà għandha dejjem titwettaq qabel id-detenzjoni u tiġi ripetuta regolarment. Għandha tkun disponibbli għajnuna legali mingħajr ħlas biex tiġi kkontestata l-ordni ta' detenzjoni.***

Or. en

**Emenda 381**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13d. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tagħhom li jkun involut fil-proċedura fuq il-fruntiera jkun ingħata t-taħriġ xieraq inkluż dak dwar id-drittijiet fundamentali.*** |

Or. en

**Emenda 382**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 13e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13e. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti, li jippermetti lill-korpi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi, jivvalutaw regolarment il-kundizzjonijiet fil-faċilitajiet użati għall-finijiet ta' proċedura fuq il-fruntiera u joħorġu rakkomandazzjonijiet għat-titjib tagħhom, u jikkondividuhom mal-Kummissjoni.*** |

Or. en

**Emenda 383**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 13f (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13f. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħtu lill-atturi umanitarji, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra aċċess effettiv għall-applikanti kollha soġġetti għal proċeduri fuq il-fruntiera kif ukoll għall-faċilitajiet li fihom isiru l-proċeduri fuq il-fruntiera fil-fruntieri jew fiż-żoni ta' tranżitu.*** |

Or. en

**Emenda 384**
**Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 14 tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien mehtieġ.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 385**
**Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. F'sitwazzjonijiet fejn ***il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri*** skont il-paragrafu ***14*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, ***l-Istati Membri jistgħu jagħżlu*** postijiet oħra fit-territorju ***tal-Istat Membru*** u wara notifika lill-Kummissjoni ***jakkomodaw*** lill-applikanti ***hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ***. | 14. F'sitwazzjonijiet fejn***, abbażi ta' awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, jinstab li l-kapaċità ta' post kif innotifikat minn dak l-Istat Membru*** skont il-paragrafu ***13*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, ***dak l-Istat Membru jista' jagħżel*** postijiet oħra fit-territorju ***tiegħu*** u***,*** wara notifika lill-Kummissjoni***, għandu jakkomoda*** lill-applikanti***, skont il-kundizzjonijiet previsti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]***. |

Or. en

**Emenda 386**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 14 tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri ***jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw*** lill-applikanti ***hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ***. | 14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 14 tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri ***għandhom jindirizzaw*** lill-applikanti ***lejn il-proċedura regolari tal-ażil***. |

Or. en

**Emenda 387**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu ***14*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri ***jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw*** lill-applikanti ***hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ***. | 14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu ***13*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri ***għandhom jindirizzaw*** lill-applikanti ***lejn il-proċedura regolari tal-ażil***. |

Or. en

**Emenda 388**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 14 tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk***, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ***. | 14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 14 tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk. |

Or. en

**Emenda 389**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu ***14*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti ***mill-paragrafu 3***, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ. | 14. F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati Membri skont il-paragrafu ***13*** tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti koperti ***mill-proċeduri fuq il-fruntiera***, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ. |

Or. en

**Emenda 390**
**Juan Ignacio Zoido Álvarez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. ***F'sitwazzjonijiet fejn il-kapaċità tal-postijiet notifikati mill-Istati*** Membri ***skont il-paragrafu 14 tkun temporanjament insuffiċjenti biex tipproċessa l-applikanti*** koperti mill-paragrafu 3***, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu postijiet oħra*** fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ. | 14. ***L-Istati*** Membri***, jekk ikun meħtieġ, jistgħu jagħżlu postijiet oħra fit-territorju tagħhom għall-fini tal-ipproċessar tal-applikanti*** koperti mill-paragrafu 3 fit-territorju tal-Istat Membru u wara notifika lill-Kummissjoni jakkomodaw lill-applikanti hemmhekk, fuq bażi temporanja u għall-iqsar żmien meħtieġ. |

Or. es

**Emenda 391**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess effettiv għal organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-faċilitajiet użati għall-finijiet ta' proċedura fuq il-fruntiera. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom jitħallew jaċċessaw dawn il-faċilitajiet mingħajr ma jkollhom jiffirmaw ftehim bilaterali separat u għandhom ikunu jistgħu jwettqu żjarat mhux imħabbra u frekwenti f'konformità mal-istandards tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jintalbu jikkondividu d-data jew l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji mal-awtoritajiet tal-Istat jew ma' entitajiet oħra.*** |

Or. en

**Emenda 392**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14b. Fejn l-Istati Membri jimponu restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment, deċiżjoni bil-miktub għandha tikkwalifika l-miżuri bħala detenzjoni jew restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment, u r-raġunijiet għar-restrizzjonijiet reali ordnati għandhom jiġu ddikjarati fil-fatt u*** |

***garantiti fil-liġi.***

Or. en

**Emenda 393**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41 – paragrafu 14c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14c. Meta japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera, l-Istati Membri għandhom iqisu li applikant għall-protezzjoni internazzjonali ma għandux jinżamm f'detenzjoni għall-unika raġuni li jkun qed ifittex il-protezzjoni internazzjonali. Id-detenzjoni tista' tiġi imposta biss bħala miżura tal-aħħar għażla abbażi tar-raġunijiet legali stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (RCD) u meta jkun meħtieġ u abbażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, u jekk ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv miżuri alternattivi inqas koerċittivi oħra.*** |

Or. en

**Emenda 394**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 14d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14d. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal assistenza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura, hekk kif issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Fil-każ ta' individwi li jirrisjedu jew li qed jinżammu f'faċilitajiet operati mill-Istati Membri, għandu jkun** |

***hemm aċċess immedjat u mingħajr xkiel tal-prattikanti legali għal individwi f'tali faċilitajiet, inkluż f'siti ta' kwarantina. L-għajnuna legali mingħajr ħlas għandha tikkontesta wkoll kwalunkwe ordni ta' detenzjoni jew restrizzjoni fuq il-moviment.***

Or. en

**Emenda 395**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Proċedura fuq il-fruntiera biex jitwettaq ir-ritorn*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 396**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Proċedura fuq il-fruntiera biex jitwettaq ir-ritorn*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 397**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 398**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 399**
**Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat li l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. | 1. Ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat ***adulti*** li l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru***, ħlief meta jkunu akkumpanjati minn membri tal-familja li jkunu minorenni***. ***Meta jkun hemm dubju dwar l-età tal-applikant,*** |

***għandu jingħata l-benefiċċju tad-dubju.***

Or. en

**Emenda 400**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo, Giuliano Pisapia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ċittadini ta' pajjiżi terzi ***u persuni mingħajr Stat*** li l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. | 1. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-applikazzjoni tagħhom tiġi miċħuda fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 ***u li ma jkunux ġew awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru,*** ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru***, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal konsistenza ma' emendi preċedenti. Fl-ambitu tal-SBC, l-Istati Membri jżommu diskrezzjoni biex jippermettu d-dħul. Aħna mhux se nneħħu dik id-diskrezzjoni f'dan i-każ.*

**Emenda 401**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista'*** | ***imħassar*** |

***jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'.***

Or. en

**Emenda 402**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 403**
**Lukas Mandl**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***12-il ġimgħa*** f'postijiet fil- | 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***20 ġimgħa*** f'postijiet fil- |

| | |
|---|---|
| fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra ***fit-territorju tiegħu***. Il-perjodu ta' ***12-il ġimgħa*** għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'. | fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom ***billi tiġi applikata d-detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 41g jew fejn il-kundizzjonijiet għad-detenzjoni previsti fl-Artikolu 41g ma jiġux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati billi jintalbu jirrisjedu fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu***; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra ***fil-viċinanza tal-fruntiera esterna jew iż-żoni ta' tranżitu***. Il-perjodu ta' ***20 ġimgħa*** għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-persuni fil-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera għandhom jiġu riferuti għal detenzjoni jew għal miżuri alternattivi mill-awtoritajiet bħala miżuri importanti biex jiġu evitati movimenti sekondarji.*

**Emenda 404**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ***jinżammu*** għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant***, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat*** ma ***jkollhiex*** | 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ***jiġu akkomodati*** għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant ma ***jkollux*** aktar dritt li ***jibqa' jew kellu d-dritt tiegħu li jibqa'*** |

| | |
|---|---|
| aktar dritt li ***tibqa' u ma titħalliex tibqa'***. | ***revokat minn qorti jew tribunal***. ***Minorenni mhux akkumpanjati, minorenni mal-familji tagħhom, u gruppi vulnerabbli oħra inklużi persuni bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċifiċi jew li jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali għandhom jiġu eżentati mill-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal konsistenza ma' emendi preċedenti. Fir-rigward tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera aċċellerata u tal-ażil, il-minorenni u l-applikanti vulnerabbli għandhom jiġu eżentati mill-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera.*

**Emenda 405**
**Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***12-il*** ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom***; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu***. Il-perjodu ta' ***12-il*** ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'. | 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***16-il*** ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom ***jew f'postijiet innominati oħra***. Il-perjodu ta' ***16-il*** ġimgħa għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'. |

Or. en

**Emenda 406**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 41a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta ***l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'***. | 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il ġimgħa f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu***, dment li jkunu jistgħu jiġu ppreservati l-effiċjenza tal-proċedura u r-restrizzjonijiet għal-libertà ta' moviment***. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa għandu jibda minn meta ***d-deċiżjoni tar-ritorn tkun kisbet forza legali.*** |

Or. en

**Emenda 407**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***12-il ġimgħa*** f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' ***12-il ġimgħa*** għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'. | 2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***4 xhur*** f'postijiet fil-fruntiera esterna jew fiż-żoni ta' tranżitu jew fil-viċinanza tagħhom; fejn Stat Membru ma jkunx jista' jakkomodahom f'dawn il-postijiet, jista' jirrikorri għall-użu ta' postijiet oħra fit-territorju tiegħu. Il-perjodu ta' ***4 xhur*** għandu jibda minn meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jkollhiex aktar dritt li tibqa' u ma titħalliex tibqa'. |

Or. en

**Emenda 408**

**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Għall-finijiet ta dan l-Artikolu, l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), l-Artikoli 5 sa 7, l-Artikolu 8(1) sa (5), l-Artikolu 9(2) sa (4), l-Artikoli 10 sa 13, l-Artikolu 15, l-Artikolu 17(1), l-Artikolu 18(2) sa (4) u l-Artikoli 19 sa 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn] għandhom japplikaw.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 409**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Għall-finijiet ta dan l-Artikolu, l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), l-Artikoli 5 sa 7, l-Artikolu 8(1) sa (5), l-Artikolu 9(2) sa (4), l-Artikoli 10 sa 13, l-Artikolu 15, l-Artikolu 17(1), l-Artikolu 18(2) sa (4) u l-Artikoli 19 sa 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn] għandhom japplikaw.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 410**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 41a – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Għall-finijiet ta dan l-Artikolu, l-Artikolu 3, l-Artikolu 4(1), l-Artikoli 5 sa 7, l-Artikolu 8(1) sa (5), l-Artikolu 9(2) sa (4), l-Artikoli 10 sa 13, l-Artikolu 15, l-Artikolu 17(1), l-Artikolu 18(2) sa (4) u l-Artikoli 19 sa 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva tar-Ritorn] għandhom japplikaw***. | 3. ***Meta tiġi applikata l-proċedura fuq il-fruntiera għat-twettiq tar-ritorn, id-Direttiva dwar ir-Ritorn tapplika għall-elementi kollha tal-proċedura ta' ritorn li mhumiex irregolati f'dan l-Artikolu***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sakemm l-APR ma jistabbilixxix regoli speċifiċi dwar ir-ritorn, għandha tapplika d-Direttiva dwar ir-Ritorn. Dan huwa eżitu leġiżlattiv aktar ċar mid-definizzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva li japplikaw.*

**Emenda 411**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta d-deċiżjoni tar-ritorn ma tkunx tista' tiġi infurzata fil-perjodu massimu msemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom ikomplu l-proċeduri ta' ritorn f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. Il-persuni msemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx ikunu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru.*** |

Or. en

**Emenda 412**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx 15-il jum.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 413**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx 15-il jum.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 414**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx | 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx |

| | |
|---|---|
| 15-il jum. | 15-il jum. ***Fil-qafas ta' dan l-Artikolu, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għandhom, fi ħdan il-mandat tagħhom, jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali b'operazzjonijiet ta' ritorn.*** |

Or. en

**Emenda 415**
**Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx ***15-il*** jum. | 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx ***20*** jum ***u għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti***. |

Or. en

**Emenda 416**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx 15-il jum. | 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 ***li ma ġewx detenuti*** jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx 15-il jum. |

Or. en

**Emenda 417**
**Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx ***15-il*** jum. | 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju li ma jaqbiżx ***20*** jum. |

Or. en

**Emenda 418**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju ***li ma jaqbiżx 15-il*** jum. | 4. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li persuni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rritornati volontarjament fi kwalunkwe mument, jistgħu jingħataw perjodu għat-tluq volontarju ***ta' 30*** jum. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan huwa l-perjodu standard għat-tluq volontarju f'konformità mal-kompromess li nstab għad-Direttiva dwar ir-Ritorn.*

**Emenda 419**
**Nadine Morano**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-perjodu għat-tluq volontarju jista' jingħata fejn ġie vvalutat li ċittadini ta' pajjiżi terzi joħolqu riskju ta' ħarba, kellhom applikazzjoni għal soġġorn legali preċedenti rifjutata bħala frodulenti, manifestament infondata jew inammissibbli, jew jekk ikunu ta' riskju għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali.*** |

Or. fr

**Emenda 420**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew detenuti waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 u li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 421**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew detenuti waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 u li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 422**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew detenuti waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 u li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija. | 5. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu ġew detenuti waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 u li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija. ***Stat Membru jista', f'konformità mal-liġi nazzjonali, jimponi obbligi addizzjonali fuq l-applikant sabiex jipprevjeni movimenti mhux awtorizzati.*** |

Or. en

**Emenda 423**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Persuni*** msemmija fil-paragrafu 1 li ***jkunu ġew detenuti*** waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 u li ma ***jkollhomx*** aktar id-dritt li ***jibqgħu*** u li ***ma jitħallewx jibqgħu jistgħu jibqgħu jinżammu*** f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija. | 5. ***Persuna*** msemmija fil-paragrafu 1 li ***tkun ġiet detenuta*** waqt il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 u li ma ***jkollhiex*** aktar id-dritt li ***tibqa'*** u li ***d-dritt tagħha li tibqa' jista' jiġi revokat minn qorti jew tribunal tista' tibqa' tinżamm*** f'detenzjoni bil-għan li jiġi evitat id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru, li jkun qed iħejji r-ritorn jew iwettaq il-proċess tat-tneħħija. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal konsistenza ma' emendi preċedenti.*

**Emenda 424**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu, u li ma kinux miżmuma matul il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, jistgħu jinżammu f'detenzjoni jekk ikun hemm riskju li jaħarbu skont it-tifsira tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], jekk jevitaw jew ifixklu t-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tkeċċija jew jekk ikunu ta' riskju għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 425**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu, u li ma kinux miżmuma matul il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, jistgħu jinżammu f'detenzjoni jekk ikun hemm riskju li jaħarbu skont it-tilfsira tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], jekk jevitaw jew ifixklu t-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tkeċċija jew jekk ikunu ta' riskju għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 426**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Persuni*** msemmija fil-paragrafu 1 li ma ***jkollhomx*** aktar id-dritt li ***jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu***, u li ma ***kinux*** miżmuma matul il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, ***jistgħu jinżammu*** f'detenzjoni jekk ikun hemm riskju li ***jaħarbu*** skont it-tifsira tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], jekk ***jevitaw jew ifixklu t-tħejjija*** tar-ritorn jew il-proċess ta' tkeċċija jew jekk ***ikunu*** ta' riskju għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali. | 6. ***Persuna*** msemmija fil-paragrafu 1 li ma ***jkollhiex*** aktar id-dritt li ***tibqa' jew li d-dritt tagħha li tibqa' jkun ġie rrevokat minn qorti jew tribunal***, u li ma ***kinitx*** miżmuma matul il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, ***tista' tinżamm*** f'detenzjoni jekk ikun hemm riskju li ***taħrab*** skont it-tifsira tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], jekk ***tevita jew tfixkel it-tħejjija*** tar-ritorn jew il-proċess ta' tkeċċija jew jekk ***tkun*** ta' riskju għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali. ***Id-detenzjoni għandha tibqa' miżura tal-aħħar għażla u tista' tintuża jekk ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv miżuri suffiċjenti*** |

***iżda inqas koerċittivi oħra. Kwalunkwe deċiżjoni ta' detenzjoni għandha tittieħed abbażi ta' valutazzjoni individwali, u għandha tiġi ddeterminata bħala meħtieġa, raġonevoli u proporzjonata għal finijiet leġittimi.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal konsistenza ma' emendi preċedenti. Biex tiġi riflessa aħjar il-lingwa attwali tal-ażil dwar id-detenzjoni.*

**Emenda 427**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu, u li ma kinux miżmuma matul il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, jistgħu jinżammu f'detenzjoni jekk ikun hemm riskju li jaħarbu skont it-tifsira tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], jekk jevitaw jew ifixklu t-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tkeċċija jew jekk ikunu ta' riskju għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali. | 6. Persuni msemmija fil-paragrafu 1 li ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u li ma jitħallewx jibqgħu, u li ma kinux miżmuma matul il-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, jistgħu jinżammu f'detenzjoni ***bl-iskop li jiġi pprevenut id-dħul fit-territorju tal-Istat Membru,*** jekk ikun hemm riskju li jaħarbu skont it-tifsira tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn], jekk jevitaw jew ifixklu t-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tkeċċija jew jekk ikunu ta' riskju għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 428**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn].*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 429**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn].*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 430**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 ***u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6)*** tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. | 7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2***. Meta d-deċiżjoni ta' ritorn ma tkunx tista' tiġi infurzata fil-perjodu massimu msemmi fil-paragrafu 2, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jinżamm detenut ulterjorment f'konformità mal-Artikolu 18*** tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. |

Or. en

**Emenda 431**
**Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. | 7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. ***Il-minorenni, kemm jekk akkumpanjati kif ukoll jekk ma jkunux, ma għandhomx jinżammu f'detenzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 432**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż ***il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi*** massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. | 7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż ***il-perjodi*** massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. |

Or. en

**Emenda 433**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo, Giuliano Pisapia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm ***l-arranġamenti*** ta' tneħħija ***jkunu qed isiru*** u ***jitwettqu*** bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. | 7. Id-detenzjoni għandha tkun għal perjodu kemm jista' jkun qasir u tinżamm biss sakemm ***ikun jeżisti prospett raġonevoli*** ta' tneħħija u ***titwettaq*** bid-diliġenza dovuta. Il-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 u għandu jiġi inkluż fil-perjodi massimi ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-kompromess dwar id-Direttiva dwar ir-Ritorn.*

**Emenda 434**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. L-Istati Membri li, wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, joħorġu riffut għad-dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, u li ddeċidew li ma japplikawx id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] f'każijiet bħal dawn skont l-Artikolu 2(2), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva, għandhom jiżguraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti għal riffut ta' dħul ikunu skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 7 ta' dan l-Artikolu."*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 435**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. L-Istati Membri li, wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, joħorġu riffut għad-dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, u li ddeċidew li ma japplikawx id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] f'każijiet bħal dawn skont l-*** | ***imħassar*** |

***Artikolu 2(2), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva, għandhom jiżguraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti għal riffut ta' dħul ikunu skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 7 ta' dan l-Artikolu."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-kompromess dwar id-Direttiva dwar ir-Ritorn. Din id-dispożizzjoni tirriskja li toħloq reġim parallel għal xi ċittadini ta' pajjiżi terzi. Id-Direttiva dwar ir-Ritorn għandha dejjem tkun applikabbli.*

**Emenda 436**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. L-Istati Membri li, wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, joħorġu riffut għad-dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, u li ddeċidew li ma japplikawx id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] f'każijiet bħal dawn skont l-Artikolu 2(2), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva, għandhom jiżguraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti għal riffut ta' dħul ikunu skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 7 ta' dan l-Artikolu."*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 437**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-Istati Membri ***li, wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, joħorġu rifjut għad-dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, u li ddeċidew*** li ma japplikawx ***id-Direttiva XXX/XXX/UE*** [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] f'każijiet bħal dawn skont l-Artikolu 2(2), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva***,*** għandhom jiżguraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti għal rifjut ta' dħul ikunu skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 7 ta' dan l-Artikolu." | 8. L-Istati Membri ***jistgħu jiddeċiedu*** li ma japplikawx ***id-Direttiva/UE*** [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] f'każijiet bħal dawn skont l-Artikolu 2(2), il-punt (a) ta' dik id-Direttiva***. L-Istati Membri*** għandhom jiżguraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti għal rifjut ta' dħul ikunu skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 7 ta' dan l-Artikolu." |

Or. en

**Emenda 438**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41a – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-Istati Membri li, wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, joħorġu rifjut għad-dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399, u ***li ddeċidew li ma japplikawx id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] f'każijiet bħal dawn skont l-*** | 8. L-Istati Membri li ***ddeċidew li ma japplikawx id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] skont l-Artikolu 2(2)(a) ta' dik id-Direttiva***, wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41, ***jistgħu*** joħorġu rifjut għad-dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) |

***Artikolu 2(2), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva,*** għandhom jiżguraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti ***għal rifjut ta' dħul ikunu*** skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 7 ta' dan l-Artikolu."

2016/399, u għandhom jiżguraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni mingħajr Stat soġġetti ***għall-proċeduri nazzjonali tagħhom jkunu*** skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn] u jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 2, 4 u 7 ta' dan l-Artikolu."

Or. en

**Emenda 439**
**Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas, Juan Ignacio Zoido Álvarez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 41b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 41b*** |
| | ***Il-persunal fil-proċedura fuq il-fruntiera*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tagħhom li jkun involut fil-proċedura fuq il-fruntiera jkun ingħata livell xieraq ta' taħriġ fiċ-ċirkostanzi kollha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess effettiv għal organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-faċilitajiet użati għall-finijiet ta' proċedura fuq il-fruntiera.*** |
| | ***2. Meta mitluba minn Stat Membru, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jipprovdulu appoġġ rapidu u mfassal apposta fil-proċedura fuq il-fruntiera kif speċifikat fl-Artikolu 57a, b'mod partikolari meta dak l-Istat Membru jesperjenza żieda sinifikanti fl-applikazzjonijiet.*** |

Or. en

**Emenda 440**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) L-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) "(a) Il-punt (a) jitħassar.*** | |
| ***Il-punt (c) li ġej jiżdied mal-Artikolu 43:*** | |
| ***(c) l-ewwel applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata fi żmien sena mid-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)"*** | |

Or. en

**Emenda 441**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) L-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) "(a) Il-punt (a) jitħassar.*** | |
| ***Il-punt (c) li ġej jiżdied mal-Artikolu 43:*** | |
| ***(c) l-ewwel applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata fi żmien sena mid-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-*** | |

***ewwel applikazzjoni sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)"***

Or. en

**Emenda 442**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-ewwel applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata fi żmien sena mid-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)" | (c) l-ewwel applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata fi żmien sena mid-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni ***u qorti jew tribunal ikunu ddeterminaw li ġiet ippreżentata*** sempliċement sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)" |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal konsistenza ma' emendi preċedenti.*

**Emenda 443**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***l-ewwel*** applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata ***fi żmien sena mid-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni*** sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)" | (c) applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)" |

Or. en

**Emenda 444**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-ewwel applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata ***fi żmien sena mid-deċiżjoni tal-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni*** sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)” | (c) l-ewwel applikazzjoni sussegwenti tkun ġiet ippreżentata sempliċiment sabiex l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn jiġi mdewwem jew jiġi skoraġġut li jwassal biex l-applikant jitneħħa b'mod imminenti mill-Istat Membru, sakemm tiġi ffinalizzata d-deċiżjoni li tiddikjara li l-applikazzjoni mhijiex ammissibbli f'każijiet fejn ikun ċar immedjatament lill-awtorità determinanti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4)" |

Or. en

**Emenda 445**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra: | 1. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ***f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-Kapitolu II*** kontra ***dawn li ġejjin***: |

Or. en

**Emenda 446**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra: | 1. L-applikanti għandhom dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ***f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji previsti fil-Kapitolu II*** kontra: |

Or. en

**Emenda 447**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) deċiżjoni li l-applikant jiġi indirizzati lejn proċedura aċċellerata*** |

***f'konformità mal-Artikolu 40;***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw kif suppost id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv, jeħtiġilhom ikunu jistgħu jikkontestaw id-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-aż il li jpoġġuhom fi proċeduri aċċellerati jew fuq il-fruntiera. Dawn iż-żewġ proċeduri għandhom konsegwenzi proċedurali għall-applikanti li jirriżultaw biex dawk l-applikanti jgawdu minn inqas drittijiet proċedurali. Huwa tard wisq biex jingħata rimedju effettiv ladarba tittieħed id-deċiżjoni dwar l-aż il peress li d-drittijiet li huma ristretti ma jistgħux jiġu rrestawrati b'mod retrospettiv favur l-applikant.*

**Emenda 448**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ab (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) deċiżjoni li l-applikant jiġi indirizzat lejn proċedura fuq il-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 41;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw kif suppost id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv, jeħtiġilhom ikunu jistgħu jikkontestaw id-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-aż il li jpoġġuhom fi proċeduri aċċellerati jew fuq il-fruntiera. Dawn iż-żewġ proċeduri għandhom konsegwenzi proċedurali għall-applikanti li jirriżultaw biex dawk l-applikanti jgawdu minn inqas drittijiet proċedurali. Huwa tard wisq biex jingħata rimedju effettiv ladarba tittieħed id-deċiżjoni dwar l-aż il peress li d-drittijiet li huma ristretti ma jistgħux jiġu rrestawrati b'mod retrospettiv favur l-applikant.*

**Emenda 449**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ac (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ac) deċiżjoni li tiġi applikata detenzjoni matul proċedura fuq il-fruntiera;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu dejjem ikun hemm il-possibbiltà li tiġi kkontestata deċiżjoni dwar id-detenzjoni.*

**Emenda 450**
**Sylvie Guillaume, Pietro Bartolo, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Birgit Sippel, Elena Yoncheva, Javier Moreno Sánchez, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Petar Vitanov**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala bla bażi kemm fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni sussidjarja; | (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala ***bla bażi jew manifestament*** bla bażi kemm fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni sussidjarja; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-2016 dwar l-APR kienet tinkludi d-dritt espliċitu għal rimedju effettiv biex tiġi kkontestata sejba li applikazzjoni hija manifestament bla bażi. Dak id-dritt irid jibqa'.*

**Emenda 451**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***(da) ordni ta' detenzjoni jew deċiżjoni ta' applikazzjoni, fi ħdan il-proċedura fuq il-fruntiera, ta' restrizzjonijiet għal-libertà ta' moviment.***

Or. en

**Emenda 452**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) deċiżjoni ta' detenzjoni*** |

Or. en

**Emenda 453**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal permess ta' residenza għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew ta' xorta oħra;*** |

Or. en

**Emenda 454**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt dc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) deċiżjoni li tiġi applikata l-*** |

***proċedura fuq il-fruntiera.***

Or. en

**Emenda 455**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***deċiżjoni tar-ritorn***. | (e) ***deċiżjonijiet meħuda fi proċedura fuq il-fruntiera***. |

Or. en

**Emenda 456**
**Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Hilde Vautmans, Michal Šimečka**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) deċiżjoni li tiddetermina l-età tal-applikant.*** |

Or. en

**Emenda 457**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d). | ***Sabiex jiġu ssodisfati l-limiti ta' żmien previsti f'dan ir-Regolament,*** id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl- |

istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d).

Or. en

**Emenda 458**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d)***. | ***L-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal assistenza legali mingħajr ħlas sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv***. |

Or. en

**Emenda 459**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Id-deċiżjonijiet ta' ritorn*** għandhom ***jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d)***. | ***L-applikanti għandu jkollhom aċċess għal assistenza legali indipendenti mingħajr ħlas u*** għandhom ***jiġu nnotifikati dwar dan id-dritt matul l-iskrinjar imwettaq f'konformità ma' [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar] jew mhux aktar tard minn meta l-applikazzjoni għall-ażil tagħhom tkun irreġistrata***. |

Or. en

**Emenda 460**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz**

**Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-deċiżjonijiet ta' ritorn ***għandhom*** jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d). | Id-deċiżjonijiet ta' ritorn ***jistgħu*** jiġu appellati quddiem l-istess qorti jew tribunal u fl-istess proċedimenti ġudizzjarji u fl-istess limiti ta' żmien bħad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d). |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan se jiddependi mill-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru inkwistjoni.*

**Amendment 461**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tqis li l-applikazzjoni tagħhom hija bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat. ***Fejn status ta' protezzjoni sussidjarja mogħti minn Stat Membru joffri l-istess drittijiet u benefiċċji bħall-istatus ta' rifuġjat taħt il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, l-appell kontra dik id-deċiżjoni f'dak l-Istat Membru jista' jitqies bħala inammissibbli fejn previst fil-liġi nazzjonali.*** | 2. Persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tqis li l-applikazzjoni tagħhom hija bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat. |

Or. en

**Emenda 462**

**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Pietro Bartolo, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tqis li l-applikazzjoni tagħhom hija bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat. ***Fejn status ta' protezzjoni sussidjarja mogħti minn Stat Membru joffri l-istess drittijiet u benefiċċji bħall-istatus ta' rifuġjat taħt il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, l-appell kontra dik id-deċiżjoni f'dak l-Istat Membru jista' jitqies bħala inammissibbli fejn previst fil-liġi nazzjonali.*** | 2. Persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tqis li l-applikazzjoni tagħhom hija bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-ftehim proviżorju dwar il-QR (l-Artikolu 13), fejn applikant ikun intitolat għal status ta' rifuġjat, dan għandu jingħata dak l-istatus. Għalhekk, applikant jeħtieġlu dejjem ikollu d-dritt li jikkontesta deċiżjoni li tagħti protezzjoni sussidjarja fejn jemmen li l-istatus ta' rifuġjat kellu jingħata.*

**Emenda 463**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tqis li l-applikazzjoni tagħhom hija bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat. ***Fejn status ta' protezzjoni sussidjarja mogħti minn Stat Membru*** | 2. Persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tqis li l-applikazzjoni tagħhom hija bla bażi fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat. |

***joffri l-istess drittijiet u benefiċċji bħall-istatus ta' rifuġjat taħt il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, l-appell kontra dik id-deċiżjoni f'dak l-Istat Membru jista' jitqies bħala inammissibbli fejn previst fil-liġi nazzjonali.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dritt għal rimedju effettiv ma għandux ikun limitat għal applikanti għal protezzjoni sussidjarja kontra deċiżjoni li tiċħad l-istatus ta' rifuġjat minkejja li huma drittijiet komparabbli u simili.*

**Emenda 464**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-applikant għandu jkollu d-dritt għal smigħ quddiem qorti jew tribunal tal-ewwel appell.*** |

Or. en

**Emenda 465**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Rimedju effettiv skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jipprovdi għal eżami sħiħ u ex nunc kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi***, *tal-inqas quddiem qorti jew tribunal ta' Prim'Istanza***, inkluż, fejn applikabbli, eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir- | 3. Rimedju effettiv skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jipprovdi għal eżami sħiħ u ex nunc kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, inkluż, fejn applikabbli, eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika]***, kif ukoll eżami skont l-*** |

| | |
|---|---|
| Regolament dwar il-Kwalifika]. | ***Artikoli 2, 3 u 8 tal-KEDB u l-Artikoli 2, 4 u 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***. |

Or. en

**Emenda 466**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Rimedju effettiv skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jipprovdi għal eżami sħiħ u ex nunc kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi***, *tal-inqas quddiem qorti jew tribunal ta' Prim'Istanza***, inkluż, fejn applikabbli, eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika]. | 3. Rimedju effettiv skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jipprovdi għal eżami sħiħ u ex nunc kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, inkluż, fejn applikabbli, eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika] ***kif ukoll eżami skont l-Artikoli 2 u 3 tal-KEDB u l-Artikoli 2 u 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u l-Artikolu 8 tal-KEDB u l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***. |

Or. en

**Emenda 467**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Rimedju effettiv skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jipprovdi għal eżami sħiħ u ex nunc kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, tal-inqas quddiem qorti jew tribunal ta' Prim'Istanza, inkluż, fejn applikabbli, eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali skont ir- | 3. Rimedju effettiv skont it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jipprovdi għal eżami sħiħ u ex nunc kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, tal-inqas ***smigħ*** quddiem qorti jew tribunal ta' Prim'Istanza, inkluż, fejn applikabbli, eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali skont ir- |

| | |
|---|---|
| Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika]. | Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika]. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-emenda 309 tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Artikolu 53 tal-proposta tal-2016.*

**Emenda 468**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Fil-każ ta' deċiżjoni negattiva dwar talba għall-ażil fi proċedura fuq il-fruntiera tal-ażil kif irregolata mill-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament, ir-rieżami ġudizzjarju fl-ewwel istanza għandu awtomatikament jinkludi rieżami tad-deċiżjoni li applikant jiġi indirizzat lejn dik il-proċedura.*** |

Or. en

**Emenda 469**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-eżami quddiem qorti jew tribunal għandu jsir permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub, sakemm il-qorti jew it-tribunal ma jqisux li jkun meħtieġ smigħ għall-eżami msemmi fis-subparagrafu 3 ta' dan l-Artikolu.*** |

Or. en

**Emenda 470**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-applikanti għandhom jiġu pprovduti b'interpretazzjoni għall-finijiet ta' smigħ quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti ***fejn tali smigħ iseħħ u fejn ma tkunx tista' tiġi żgurata komunikazzjoni xierqa b'mod ieħor***. | 4. L-applikanti għandhom jiġu pprovduti b'interpretazzjoni ***f'lingwa li jifhmu*** għall-finijiet ta' smigħ quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti. |

Or. en

**Emenda 471**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-applikanti għandhom jiġu pprovduti b'interpretazzjoni għall-finijiet ta' smigħ quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti fejn tali smigħ iseħħ ***u fejn ma tkunx tista' tiġi żgurata komunikazzjoni xierqa b'mod ieħor***. | 4. L-applikanti għandhom jiġu pprovduti b'interpretazzjoni ***f'lingwa li jifhmu minn persunal kwalifikat*** għall-finijiet ta' smigħ quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti fejn tali smigħ iseħħ. |

Or. en

**Emenda 472**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-applikanti għandhom jiġu | 4. ***Meta jseħħ tali smigħ,*** l-applikanti |

pprovduti b'interpretazzjoni għall-finijiet ta' smigħ quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti ***fejn tali smigħ iseħħ u fejn*** ma tkunx tista' tiġi żgurata komunikazzjoni xierqa b'mod ieħor.

għandhom jiġu pprovduti b'interpretazzjoni għall-finijiet ta' smigħ quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti ***jekk*** ma tkunx tista' tiġi żgurata komunikazzjoni xierqa b'mod ieħor;

Or. en

**Emenda 473**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Fejn il-qorti*** jew tribunal ***iqisu li jkun meħtieġ,*** għandhom jiżguraw it-traduzzjoni tad-dokumenti rilevanti li ma jkunux diġà ġew tradotti skont l-Artikolu 33(4). Inkella, it-traduzzjonijiet ta' dawk id-dokumenti rilevanti jistgħu jiġu pprovduti minn entitajiet oħra u jitħallsu minn fondi pubbliċi skont il-liġi nazzjonali. | 5. ***Qorti*** jew tribunal għandhom jiżguraw it-traduzzjoni tad-dokumenti rilevanti ***kollha*** li ma jkunux diġà ġew tradotti skont l-Artikolu 33(4). Inkella, it-traduzzjonijiet ta' dawk id-dokumenti rilevanti jistgħu jiġu pprovduti minn entitajiet oħra u jitħallsu minn fondi pubbliċi skont il-liġi nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 474**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Meta l-appell ikun jinvolvi minorenni, l-informazzjoni għandha tingħata wkoll b'mod li tinftiehem mit-tfal. Il-minorenni mhux akkumpanjati u familji bi tfal żgħar għandu jkollhom aċċess għal assistenza legali mingħajr ħlas. Il-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jiġu megħjuna minn rappreżentant legali [kustodju] matul il-*** |

***proċedura.***

Or. en

**Emenda 475**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo, Giuliano Pisapia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jekk id-dokumenti ma jiġux ippreżentati fil-ħin lill-qorti jew lit-tribunal biex jiżguraw it-traduzzjoni tagħhom, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jirrifjutaw li jikkunsidraw dawk id-dokumenti jekk ma jkunux akkumpanjati minn traduzzjoni pprovduta mill-applikant.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-paragrafu l-ġdid jimmina d-dritt tal-qrati li jqisu d-dokumenti rilevanti u jikser ir-regoli nazzjonali dwar l-ammissibbiltà tal-evidenza.*

**Emenda 476**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jekk id-dokumenti ma jiġux ippreżentati fil-ħin lill-qorti jew lit-tribunal biex jiżguraw it-traduzzjoni tagħhom, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jirrifjutaw li jikkunsidraw dawk id-dokumenti jekk ma jkunux akkumpanjati minn traduzzjoni pprovduta mill-*** | ***imħassar*** |

***applikant.***

Or. en

**Emenda 477**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jekk id-dokumenti ma jiġux ippreżentati fil-ħin lill-qorti jew lit-tribunal biex jiżguraw it-traduzzjoni tagħhom, il-qorti jew it-tribunal jistgħu jirrifjutaw li jikkunsidraw dawk id-dokumenti jekk ma jkunux akkumpanjati minn traduzzjoni pprovduta mill-applikant.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 478**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***l-limiti ta' żmien li ġejjin*** fil-liġi nazzjonali tagħhom għall-applikanti biex jippreżentaw appelli kontra d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1: | 7. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali tagħhom ***limiti ta' żmien ta' mill-inqas 15-il jum tax-xogħol minn meta jirċievu n-notifika ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni,*** għall-applikanti biex jippreżentaw appelli kontra d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Adattat biex ikun konformi mal-Emenda 310 tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Artikolu 53 tal-proposta tal-2016. Għandu jkun hemm skeda ta' żmien ta' mill-inqas 15-il jum biex jiġi ppreżentat appell għall-proċeduri kollha.*

**Emenda 479**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) mill-inqas ġimgħa fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 480**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***mill-inqas*** ġimgħa fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5); | (a) ***massimu ta'*** ġimgħa fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5); |

Or. en

**Emenda 481**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) mill-inqas ***ġimgħa*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5); | (a) mill-inqas ***xahar*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5); |

Or. en

**Emenda 482**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***mill-inqas ġimgħa*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5); | (a) ***tliet ijiem*** fil-każ ta' deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5); |

Or. en

**Emenda 483**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) mill-inqas ***ġimgħa*** fil-każ ta' | (a) mill-inqas ***xahar*** fil-każ ta' |

| | |
|---|---|
| deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni ***bħala inammissibbli***, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5); | deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni, bħala rtirata impliċitament jew bħala bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika xi waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) jew (5); |

Or. en

**Emenda 484**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' xahrejn fil-każijiet l-oħrajn kollha.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 485**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' xahrejn*** fil-każijiet l-oħrajn kollha. | (b) ***ġimgħa*** fil-każijiet l-oħrajn kollha. |

Or. en

**Emenda 486**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' xahrejn*** fil-każijiet l-oħrajn kollha. | (b) ***mill-inqas xahar*** fil-każijiet l-oħrajn kollha. |

Or. en

**Emenda 487**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' ***xahrejn*** fil-każijiet l-oħrajn kollha. | (b) bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' ***erba' ġimgħat*** fil-każijiet l-oħrajn kollha. |

Or. en

**Emenda 488**
**Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' ***xahrejn*** fil-każijiet l-oħrajn kollha. | (b) bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' ***xahar*** fil-każijiet l-oħrajn kollha. |

Or. en

**Emenda 489**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) bejn minimu ta' ***ġimagħtejn*** u massimu ta' xahrejn fil-każijiet l-oħrajn kollha. | (b) bejn minimu ta' ***xahar*** u massimu ta' xahrejn fil-każijiet l-oħrajn kollha. |

Or. en

**Emenda 490**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 7 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) L-Istati Membri jistgħu jtawlu l-limitu ta' żmien stabbiliti f'dan il-paragrafu jekk iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-applikazzjoni jagħmlu dan neċessarju.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Emenda 313 tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Artikolu 53 tal-proposta tal-2016.*

**Emenda 491**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 7 għandhom jibdew mid-data meta ***d-deċiżjoni*** tal-awtorità determinanti ***tiġi nnotifikata lill-applikant jew lir-rappreżentant jew lill-konsulent*** legali ***tiegħu jew tagħha***. Il-proċedura għan- | 8. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 7 għandhom jibdew mid-data meta ***l-applikant jirċievi effettivament id-deċiżjoni*** tal-awtorità determinanti***. Jekk l-applikant ikun talab assistenza legali mingħajr ħlas, il-limiti ta' żmien*** |

| | |
|---|---|
| notifika għandha tiġi stabbilita fil-liġi nazzjonali. | ***għandhom jibdew biss mid-data li fiha jinħatar konsulent*** legali ***f'każ li din id-data tkun aktar tard minn dik tan-notifika***. Il-proċedura għan-notifika għandha tiġi stabbilita fil-liġi nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 492**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 7 għandhom jibdew mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi nnotifikata lill-applikant jew lir-rappreżentant jew lill-konsulent legali tiegħu jew tagħha. Il-proċedura għan-notifika għandha tiġi stabbilita fil-liġi nazzjonali. | 8. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 7 għandhom jibdew mid-data meta d-deċiżjoni tal-awtorità determinanti tiġi nnotifikata lill-applikant jew lir-rappreżentant jew lill-konsulent legali tiegħu jew tagħha. Il-proċedura għan-notifika għandha tiġi stabbilita fil-liġi nazzjonali. ***Jekk l-assistenza legali mingħajr ħlas xorta ma tkunx ingħatat lill-applikant meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata, il-limiti ta' żmien għandhom jibdew biss mid-data li fiha jinħatar rappreżentant legali.*** |

Or. en

**Emenda 493**
**Sylvie Guillaume, Pietro Bartolo, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Birgit Sippel, Elena Yoncheva, Javier Moreno Sánchez, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Petar Vitanov**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal livell wieħed biss ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-*** | ***imħassar*** |

***kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.***

Or. en

**Emenda 494**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal livell wieħed biss ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ta' min wieħed jinnota li l-prinċipju ta' livell doppju ta' appelli (spiss amministrattivi segwiti minn ġudizzjarji) jeżisti f'diversi pajjiżi, speċifikament fil-qasam tal-liġi dwar l-ażil (ara l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, u r-Renju Unit). It-tnaqqis tal-livell ta' appell għal appell wieħed biss jista' possibbilment jitqies bħala mhux kostituzzjonali f'xi wħud mill-pajjiżi (eż. il-Belġju u l-Awstrija).*

**Emenda 495**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal livell wieħed biss ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 496**

**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal livell wieħed biss ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera. | 9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal livell wieħed biss ta' appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda fil-kuntest tal-proċedura fuq il-fruntiera ***kif jirrikjedi l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva***. |

Or. en

**Emenda 497**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. L-effetti ta' deċiżjoni tar-ritorn għandhom jiġu sospiżi awtomatikament sakemm applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew li jitħalla jibqa' f'konformità ma' dan l-Artikolu.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 498**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. L-effetti ta' deċiżjoni tar-ritorn għandhom jiġu sospiżi awtomatikament sakemm applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew li jitħalla jibqa' f'konformità ma' dan l-Artikolu.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 499**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Pietro Bartolo, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-effetti ta' deċiżjoni tar-ritorn għandhom jiġu sospiżi awtomatikament sakemm ***applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew li jitħalla jibqa' f'konformità ma' dan l-Artikolu***. | 1. L-effetti ta' deċiżjoni tar-ritorn għandhom jiġu sospiżi awtomatikament sakemm ***ikun skada l-limitu ta' żmien li fih l-applikanti jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ta' prim'istanza u, fejn tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sal-eżitu tar-rimedju***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun ċar li l-applikanti dejjem ikollhom dritt awtomatiku li jibqgħu sakemm isir l-ewwel livell ta' appell.*

**Emenda 500**
**Domènec Ruiz Devesa, Juan Fernando López Aguilar**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-effetti ta' deċiżjoni tar-ritorn għandhom jiġu sospiżi awtomatikament sakemm ***applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew li jitħalla jibqa' f'konformità ma' dan l-Artikolu***. | 1. L-effetti ta' deċiżjoni tar-ritorn għandhom jiġu sospiżi awtomatikament ***u l-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri*** sakemm ***id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ikun ġie eżawrit kompletament, inkluż appelli ulterjuri kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew deċiżjoni ta' appell*** |

***sussegwenti;***

Or. en

**Emenda 501**
**Nadine Morano**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-effetti ta' deċiżjoni tar-ritorn ***għandhom*** jiġu sospiżi awtomatikament ***sakemm applikant ikollu d-dritt li jibqa' jew li jitħalla jibqa' f'konformità ma' dan l-Artikolu***. | 1. L-effetti ta' deċiżjoni tar-ritorn ***ma għandhomx*** jiġu sospiżi awtomatikament. |

Or. fr

**Emenda 502**
**Domènec Ruiz Devesa, Juan Fernando López Aguilar**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ta' prim'istanza u, fejn tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sal-eżitu tar-rimedju.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 503**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Pietro Bartolo, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ta' prim'istanza u, fejn tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sal-eżitu tar-rimedju.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 504**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri ***sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih jistgħu*** jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ***ta' prim'istanza u, fejn tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sal-eżitu tar-rimedju***. | 2. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt ***awtomatiku*** li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri ***sabiex*** jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal. |

Or. en

**Emenda 505**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikanti għandu jkollhom id- | 2. L-applikanti għandu jkollhom id- |

| | |
|---|---|
| dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal ***ta' prim'istanza*** u, fejn tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sal-eżitu tar-rimedju. | dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal u, fejn tali dritt ikun ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sal-eżitu tar-rimedju. |

Or. en

**Emenda 506**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' skont il-paragrafu 2 meta l-awtorità kompetenti tkun ħadet waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala bla bażi jew manifestament bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) u (5) [inkluż il-pajjiż ta' oriġini bla periklu] jew fil-każijiet soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera;*** | |
| ***(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil] jew (c) [applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda];*** | |
| ***(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala rtirata b'mod impliċitu;*** | |
| ***(d) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni sussegwenti bħala bla bażi jew manifestament bla bażi;*** | |
| ***(e) deċiżjoni ta' rtirar ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 14(1), punti (b), (d) u (e), u l-Artikolu 20(1), punt (b), tar-Regolament Nru XXX/XXX*** | |

***(ir-Regolament dwar il-Kwalifika).***

Or. en

**Emenda 507**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' skont il-paragrafu 2 meta l-awtorità kompetenti tkun ħadet waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala bla bażi jew manifestament bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) u (5) [inkluż il-pajjiż ta' oriġini bla periklu] jew fil-każijiet soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera;*** | |
| ***(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil] jew (c) [applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda];*** | |
| ***(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala rtirata b'mod impliċitu;*** | |
| ***(d) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni sussegwenti bħala bla bażi jew manifestament bla bażi;*** | |
| ***(e) deċiżjoni ta' rtirar ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 14(1), punti (b), (d) u (e), u l-Artikolu 20(1), punt (b), tar-Regolament Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).*** | |

Or. en

**Emenda 508**

**Domènec Ruiz Devesa, Juan Fernando López Aguilar**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' skont il-paragrafu 2 meta l-awtorità kompetenti tkun ħadet waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala bla bażi jew manifestament bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) u (5) [inkluż il-pajjiż ta' oriġini bla periklu] jew fil-każijiet soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera;*** | |
| ***(b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil] jew (c) [applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda];*** | |
| ***(c) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala rtirata b'mod impliċitu;*** | |
| ***(d) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni sussegwenti bħala bla bażi jew manifestament bla bażi;*** | |
| ***(e) deċiżjoni ta' rtirar ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 14(1), punti (b), (d) u (e), u l-Artikolu 20(1), punt (b), tar-Regolament Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir peress li jillimita l-effett ta' sospensjoni u b'hekk jirrestringi d-dritt għal rimedju effettiv. L-effett ta' sospensjoni tal-appell irid jiġi garantit fil-każijiet kollha f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

**Emenda 509**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz**

**Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***L-applikant ma għandux ikollu d-dritt*** li jibqa' skont il-paragrafu ***2*** meta l-awtorità ***kompetenti*** tkun ħadet waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin: | 3. ***Qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jirrevokaw id-dritt tal-applikant*** li jibqa' skont il-paragrafu ***1, fir-rigward tat-tieni livell ta' appell, fuq talba mill-awtorità determinanti,*** meta ***dik*** l-awtorità ***determinanti*** tkun ħadet waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 510**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala ***bla bażi jew*** manifestament bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) u (5) ***[inkluż il-pajjiż ta' oriġini bla periklu] jew fil-każijiet soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera***; | (a) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala manifestament bla bażi jekk fiż-żmien tad-deċiżjoni tkun tapplika kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 40(1) u (5); |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenti mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tal-2016.*

**Emenda 511**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil] jew (c) [applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda]; | (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil] jew (c) [applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda]; ***inklużi każijiet li fihom l-applikazzjoni ma tkunx ġiet eżaminata fuq il-merti minħabba li Stat Membru ieħor ikun ta protezzjoni internazzjonali lill-applikant;*** |

Or. en

**Emenda 512**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil] jew (c) [applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda]; | (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil] ***(b) [pajjiż terz sikur]*** jew (c) [applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda]; |

Or. en

**Emenda 513**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil] ***jew (c)*** | (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 36(1)(a) [l-ewwel pajjiż tal-ażil]; |

***[applikazzjonijiet sussegwenti mingħajr elementi ġodda]***;

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Konsistenti mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tal-2016.*

**Emenda 514**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Pietro Bartolo, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni sussegwenti bħala bla bażi jew manifestament bla bażi;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 515**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni sussegwenti bħala bla bażi jew manifestament bla bażi; | (d) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni sussegwenti bħala ***inammissibbli,*** bla bażi jew manifestament bla bażi; |

Or. en

**Emenda 516**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) deċiżjoni ta' rtirar ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 14(1), punti (b), (d) u (e), u l-Artikolu 20(1), punt (b), tar-Regolament Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Meta persuna tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali, hija dejjem għandu jkollha d-dritt li tibqa' fit-territorju sakemm tittieħed deċiżjoni fl-ewwel livell ta' appell.*

**Emenda 517**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' skont l-Artikolu 2 fil-każ ta' applikazzjoni sussegwenti wara t-terminazzjoni tal-proċedura preċedenti b'effett finali.*** |

Or. en

**Emenda 518**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, qorti jew tribunal għandu*** | ***imħassar*** |

***jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu, wara eżami kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju tal-Istati Membri jew le sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju fuq talba tal-applikant. Il-qorti jew tribunal kompetenti jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, ikollhom is-setgħa li jiddeċiedu fuq din il-kwistjoni ex officio.***

Or. en

**Emenda 519**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu, wara eżami kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju tal-Istati Membri jew le sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju fuq talba tal-applikant. Il-qorti jew tribunal kompetenti jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, ikollhom is-setgħa li jiddeċiedu fuq din il-kwistjoni ex officio.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda konsegwenzjali li ssegwi l-emendi għall-paragrafi 1 u 2.*

**Emenda 520**
**Domènec Ruiz Devesa, Juan Fernando López Aguilar**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu, wara eżami kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju tal-Istati Membri jew le sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju fuq talba tal-applikant. Il-qorti jew tribunal kompetenti jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, ikollhom is-setgħa li jiddeċiedu fuq din il-kwistjoni ex officio.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 521**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 3, qorti jew tribunal għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedu, wara eżami kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi, jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju tal-Istati Membri jew le sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju fuq talba tal-applikant. Il-qorti jew tribunal kompetenti jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, ikollhom is-setgħa li jiddeċiedu fuq din il-kwistjoni ex officio.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 522**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ħamest ijiem mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju;*** | |
| ***(b) l-applikant għandu jiġi pprovdut b'interpretazzjoni fil-każ ta' smigħ quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti, fejn komunikazzjoni oħra xierqa ma tkunx tista' tiġi żgurata;*** | |
| ***(c) l-applikant għandu jingħata, fuq talba, assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas skont l-Artikolu 15(4) u (5);*** | |
| ***(d) l-applikant għandu jkollu d-dritt li jibqa':*** | |
| ***(i) sakemm ikun skada l-limitu ta' żmien biex issir talba quddiem qorti jew tribunal biex jitħalla jibqa';*** | |
| ***(ii) fejn l-applikant ikun talab li jitħalla jibqa' fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal dwar jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju jew le.*** | |

Or. en

**Emenda 523**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li*** | ***imħassar*** |

***ġejjin:***

***(a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ħamest ijiem mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju;***

***(b) l-applikant għandu jiġi pprovdut b'interpretazzjoni fil-każ ta' smigħ quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti, fejn komunikazzjoni oħra xierqa ma tkunx tista' tiġi żgurata;***

***(c) l-applikant għandu jingħata, fuq talba, assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas skont l-Artikolu 15(4) u (5);***

***(d) l-applikant għandu jkollu d-dritt li jibqa':***

***(i) sakemm ikun skada l-limitu ta' żmien biex issir talba quddiem qorti jew tribunal biex jitħalla jibqa';***

***(ii) fejn l-applikant ikun talab li jitħalla jibqa' fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal dwar jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju jew le.***

Or. en

**Emenda 524**
**Domènec Ruiz Devesa, Juan Fernando López Aguilar**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ħamest ijiem mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu*** | |

***jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju;***

***(b) l-applikant għandu jiġi pprovdut b'interpretazzjoni fil-każ ta' smigħ quddiem il-qorti jew tribunal kompetenti, fejn komunikazzjoni oħra xierqa ma tkunx tista' tiġi żgurata;***

***(c) l-applikant għandu jingħata, fuq talba, assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas skont l-Artikolu 15(4) u (5);***

***(d) l-applikant għandu jkollu d-dritt li jibqa':***

***(i) sakemm ikun skada l-limitu ta' żmien biex issir talba quddiem qorti jew tribunal biex jitħalla jibqa';***

***(ii) fejn l-applikant ikun talab li jitħalla jibqa' fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal dwar jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju jew le.***

Or. en

**Emenda 525**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Pietro Bartolo, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 5 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Għall-finijiet tal-paragrafu ***4***, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: | 5. Għall-finijiet tal-paragrafu ***2***, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-applikanti għandhom dejjem igawdu mid-dritt li jibqgħu sakemm isir l-ewwel livell ta'*

*appell. Dan huwa l-uniku mod kif tiġi żgurata l-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw id-dritt li għandhom għal rimedju effettiv. Fir-rigward tat-tieni livell ta' appell, id-dritt li wieħed jibqa' jista' jiġi revokat f'ċerti ċirkostanzi dment li qorti jew tribunal jieħdu d-deċiżjoni li jirrevokaw.*

**Emenda 526**
**Jeroen Lenaers, Tomas Tobé, Lena Düpont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' ***mill-inqas ħamest ijiem*** mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju; | (a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' ***bejn minimu ta' jumejn u massimu ta' ġimgħa*** mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju; |

Or. en

**Emenda 527**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas*** ħamest ijiem mid-data meta ***d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju***; | (a) ***it-talba għar-revoka tad-dritt li jibqa' għandha ssir mill-awtorità determinanti fi żmien*** ħamest ijiem mid-data meta ***l-applikant ikun ippreżenta l-appell tiegħu***; |

Or. en

**Emenda 528**
**Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ***ħamest*** ijiem mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju; | (a) l-applikant għandu jkollu limitu ta' żmien ta' mill-inqas ***tliet*** ijiem mid-data meta d-deċiżjoni tiġi nnotifikata lilu jew lilha biex jitlob li jitħalla jibqa' fit-territorju sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rimedju; |

Or. en

**Emenda 529**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Pietro Bartolo, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt d – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) sakemm ***ikun skada l-limitu ta' żmien biex issir talba quddiem*** qorti jew tribunal ***biex*** jitħalla jibqa'***;*** | (i) sakemm qorti jew tribunal ***ikunu ddeċidew dwar jekk għandux*** jitħalla jibqa' ***fit-territorju jew le.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-applikanti għandhom dejjem igawdu mid-dritt li jibqgħu sakemm isir l-ewwel livell ta' appell. Dan huwa l-uniku mod kif tiġi żgurata l-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw id-dritt li għandhom għal rimedju effettiv. Fir-rigward tat-tieni livell ta' appell, id-dritt li wieħed jibqa' jista' jiġi revokat f'ċerti ċirkostanzi sakemm qorti jew tribunal jieħdu d-deċiżjoni li jirrevokaw.*

**Emenda 530**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Pietro Bartolo, Javier Moreno Sánchez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 5 – punt d – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii) fejn l-applikant ikun talab li jitħalla jibqa' fil-limitu ta' żmien stabbilit, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-qorti jew tat-tribunal dwar jekk l-applikant għandux jitħalla jibqa' fit-territorju jew le.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 531**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. F'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, b'deroga mill-paragrafu 6, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa', mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement, jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 532**
**Domènec Ruiz Devesa, Juan Fernando López Aguilar**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. F'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, b'deroga mill-paragrafu 6, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa', mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement, jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 533**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. F'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, b'deroga mill-paragrafu 6, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali li l-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa', mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement, jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 534**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. F'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, ***b'deroga mill-paragrafu 6, il-punt (d) ta' dan l-Artikolu***, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali ***li l-applikant ma għandux ikollu d-dritt li jibqa'***, mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement, jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4). | 6. F'każijiet ta' applikazzjonijiet sussegwenti, ***u f'każ biss li l-applikazzjoni ssir fi żmien sena mid-deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar l-ewwel applikazzjoni***, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu fil-liġi nazzjonali, mingħajr preġudizzju għar-rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement, jekk l-appell ikun sar biss sabiex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni tar-ritorn li tirriżulta fit-tneħħija imminenti tal-applikant mill-Istat Membru, ***li qorti jew tribunal, li jkunu qed jaġixxu fuq talba mill-awtorità determinanti, jistgħu jirrevokaw id-dritt tal-applikant li jibqa'*** f'każijiet fejn ikun immedjatament ċar għall-qorti li ma ġie ppreżentat l-ebda element ġdid skont l-Artikolu 42(4). |

Or. en

**Emenda 535**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Applikant li jagħmel appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew kontra deċiżjoni ta' appell sussegwenti ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li qorti jew tribunal jippermettu lill-applikant jibqa', fuq talba tal-applikant jew b'att ex officio*** | ***imħassar*** |

***tagħhom."***

Or. en

**Emenda 536**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Applikant li jagħmel appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew kontra deċiżjoni ta' appell sussegwenti ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li qorti jew tribunal jippermettu lill-applikant jibqa', fuq talba tal-applikant jew b'att ex officio tagħhom."*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 537**
**Domènec Ruiz Devesa, Juan Fernando López Aguilar**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Applikant li jagħmel appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew kontra deċiżjoni ta' appell sussegwenti ma għandux ikollu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li qorti jew tribunal jippermettu lill-applikant jibqa', fuq talba tal-applikant jew b'att ex officio tagħhom."*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 538**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo, Giuliano Pisapia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Applikant li jagħmel appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew kontra deċiżjoni ta' appell sussegwenti ***ma għandux ikollu*** d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru***, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li*** qorti jew tribunal ***jippermettu lill-applikant jibqa',*** fuq talba ***tal-applikant jew b'att ex officio tagħhom."*** | 7. Applikant li jippreżenta appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew kontra deċiżjoni ta' appell sussegwenti ***jista' jkollu*** d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru ***rrevokat minn*** qorti jew tribunal***, filwaqt li jaġixxu*** fuq talba ***mill-awtorità determinanti***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal konsistenza ma' emendi preċedenti. Fil-każijiet kollha, irid ikun imħallef li jiddetermina li d-dritt li wieħed jibqa' għandu jiġi rtirat. Mhuwiex xieraq li din is-setgħa tingħata lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu diġà ddeċidew li l-applikazzjoni hija bla bażi peress li l-fehma tagħhom tal-applikazzjoni diġà hija ffurmata.*

**Emenda 539**
**Pietro Bartolo, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Birgit Sippel, Elena Yoncheva, Javier Moreno Sánchez, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Petar Vitanov**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Applikant li jagħmel appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew kontra deċiżjoni ta' appell sussegwenti ***ma għandux ikollu*** d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru***, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li*** qorti jew tribunal ***jippermettu lill-applikant jibqa',*** fuq talba ***tal-applikant jew b'att ex officio*** | 7. Applikant li jippreżenta appell ieħor kontra l-ewwel deċiżjoni ta' appell jew kontra deċiżjoni ta' appell sussegwenti ***jista' jkollu*** d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru ***rrevokat minn*** qorti jew tribunal***, filwaqt li jaġixxu*** fuq talba ***mill-awtorità determinanti***. |

***tagħhom."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal konsistenza ma' emendi preċedenti. Fil-każijiet kollha, irid ikun imħallef li jiddetermina li d-dritt li wieħed jibqa' għandu jiġi rtirat. Mhuwiex xieraq li din is-setgħa tingħata lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu diġà ddeċidew li l-applikazzjoni hija bla bażi peress li l-fehma tagħhom tal-applikazzjoni diġà hija ffurmata.*

**Emenda 540**
**Bettina Vollath, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Domènec Ruiz Devesa, Elena Yoncheva, Petar Vitanov, Giuliano Pisapia, Birgit Sippel, Javier Moreno Sánchez, Pietro Bartolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 54a*** |
| | ***Il-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali;*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali waqt is-sorveljanza fil-fruntieri u l-proċeduri ta' skrinjar, ta'ażil u ta' ritorn u għandhom jadottaw dispożizzjonijiet skont il-liġi nazzjonali għall-penalizzazzjoni ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali. Il-penali previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.*** |
| | ***2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti*** |
| | ***– biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul is-sorveljanza fil-fruntieri u l-proċeduri ta' skrinjar, ta'ażil u ta' ritorn;*** |

***– biex jiġu mmonitorjati l-investigazzjonijiet, u fejn meħtieġ jingħata bidu għal investigazzjonijiet bħal dawn, dwar allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet rilevanti kollha fir-rigward tas-sorveljanza fil-fruntieri, u l-proċeduri ta' skrinjar, ta'ażil u ta' ritorn, għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li:***

***(a) huma involuti fil-qsim irregolari tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru, ħlief għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istat Membru mhuwiex meħtieġ li jieħu d-data bijometrika skont l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013 għal raġunijiet għajr l-età tagħhom;***

***(b) jiġu żbarkati fit-territorju ta' Stat Membru wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ, jew***

***(c) li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali f'punti ta' qsim tal-fruntiera esterna jew f'żoni ta' tranżitu u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399.***

***- biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.***

***– fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli rilevanti dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet, it-tul ta' żmien u l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni;***

***– biex tiġi żgurata l-konformità mas-salvagwardji proċedurali applikabbli għall-persuna kkonċernata.***

***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu u***

***għandhom jinvolvu istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, ombudspersons nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti fil-ġestjoni u fl-operat tal-mekkaniżmu. Sa fejn waħda jew aktar minn dawk l-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet ma jkunux direttament involuti fil-mekkaniżmu, il-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandhom jistabbilixxu u jżommu rabtiet mill-qrib magħhom.***

***Sabiex il-mekkaniżmu jkun effettiv, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu b'aċċess għall-postijiet, l-individwi u d-dokumenti kollha rilevanti, sa fejn tali aċċess ikun meħtieġ biex jippermetti lill-korp responsabbli għall-mekkaniżmu jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

***Barra minn hekk, il-korpi responsabbli għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandhom jistabbilixxu u jżommu rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.***

***L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.***

***Il-mekkaniżmi msemmija hawn fuq għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għal [...] l-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-SEKA kif stabbilita fl-Artikolu 13 [ir-Regolament tal-EUAA] u għar-rwol tal-osservaturi tad-drittijiet***

***fundamentali fil-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta kif stabbilit fl-Artikolu 80, ir-Regolament (Nru) 2019/1896.[l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta].***

Or. en

**Emenda 541**
**Erik Marquardt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 54a*** |
| | ***Il-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali fil-proċedura fuq il-fruntiera*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-NHRIs u l-korpi rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, f'konformità mal-mekkaniżmu stabbilit minn [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar].*** |
| | ***Dak il-mekkaniżmu għandu jkollu l-għan li jiżgura:*** |
| | ***(a) li l-atturi kollha involuti fil-proċedura fuq il-fruntiera jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali waqt il-proċedura fuq il-fruntiera;*** |
| | ***(b) il-konformità, fejn applikabbli, mar-regoli Ewropej dwar id-detenzjoni tal-persuni, b'mod partikolari r-regoli li jikkonċernaw ir-raġunijiet għad-detenzjoni u t-tul ta' żmien tagħha kif ukoll ir-rekwiżiti legali applikabbli;*** |
| | ***(c) li l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-proċeduri fuq il-fruntiera tal-asil, inkluż*** |

***fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura għall-asil u l-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu investigati u segwiti b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.***

***2. Is-sejbiet tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-fruntieri għanhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet tal-pulizija, għal inkjesti sussegwenti u għal miżuri dixxiplinari potenzjali, kif ukoll għall-awtoritajiet ġudizzjarji, għal investigazzjonijiet kriminali sussegwenti ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.***

***3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi salvagwardji adegwati biex tiggarantixxi l-indipendenza tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-fruntieri għandu b'mod partikolari jitħalla jirċievi u jaġixxi fuq informazzjoni pprovduta minn korpi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali rilevanti u kompetenti kif ukoll minn organizzazzjonijiet mhux governattivi.***

***4. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bi gwida ġenerali dwar l-istabbiliment tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, inkluż fir-rigward tal-funzjonament indipendenti tal-mekkaniżmu, il-metodoloġija tal-monitoraġġ li juża u skemi xierqa ta' taħriġ.***

***5. L-Aġenzija tal-UE għall-Asil għandha twettaq il-funzjoni ta' monitoraġġ fl-Artikoli 13 u 14 [ir-Regolament EUAA] fir-rigward tal-aspetti kollha tal-proċedura fuq il-fruntiera, inklużi l-faċilitajiet li fihom isiru l-proċeduri fuq il-fruntiera.***

***6. Il-Kummissjoni għandha tistieden organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ imwettaq bħala parti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Fejn il-monitoraġġ***

***imwettaq bħala parti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 2 jiddetermina li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali, għandhom isiru disponibbli rimedji effettivi għall-vittmi tal-ksur identifikat tad-drittijiet tal-bniedem.***

Or. en

**Emenda 542**
**Sira Rego**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 54a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 54a*** |
| | ***Monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali*** |
| | ***1. Minbarra d-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 ta' [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], l-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul il-proċedura tal-ażil, minbarra s-sorveljanza fil-fruntieri, u l-proċeduri ta' ritorn.*** |
| | ***2. Korpi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali, għandhom ikunu l-komponenti ta' implimentazzjoni ta' Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ Indipendenti u għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw il-faċilitajiet użati għall-finijiet ta' proċedura fuq il-fruntiera, kif ukoll il-fruntieri tal-art u tal-baħar, inkluż permezz ta' żjarat mhux imħabbra, sabiex jiġi mmonitorjat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament attwali.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-awtoritajiet indipendenti nazzjonali involuti jibdew, jirreferu għall-*** |

***ġustizzja u jwettqu investigazzjonijiet dwar imġiba ħażina fuq inizjattiva tagħhom stess u għandhom jippermettu lill-korpi nazzjonali u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem jirrapportaw, anki fuq inizjattiva tagħhom stess, u jipparteċipaw f'tali investigazzjonijiet jew iwettquhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għad-dokumentazzjoni, għall-postijiet ta' detenzjoni, għall-għases tal-pulizija u għal siti u żoni rilevanti oħra biex iwettqu tali investigazzjonijiet. L-informazzjoni u s-sejbiet ta' dawn l-awtoritajiet u l-korpi jridu jkunu aċċessibbli għall-pubbliku u trasparenti.***

***4. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu jistgħu jwissu lil dawn l-awtoritajiet u l-korpi dwar ksur potenzjali, jipprovdu evidenza u rapporti, jirreferu lill-vittmi, u jirrappreżentaw jew jippreżentaw ilmenti f'isimhom, irrispettivament minn jekk f'dak iż-żmien l-ilmentaturi jkunux fit-territorju tal-Istat Membru.***

***5. Sabiex jiġi mmonitorjat l-aċċess xieraq tal-applikanti kollha għall-proċedura tal-ażil u d-drittijiet previsti minnha, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu indipendenti speċifiku għall-ilmenti mill-awtoritajiet u l-korpi nazzjonali u internazzjonali involuti, għall-applikanti, inklużi dawk li ma ngħatawx id-dritt li jidħlu fit-territorju, huma f'riskju li jiġu rritornati u/jew ġew irritornati lejn pajjiż terz. Tali mekkaniżmu għandu jinkludi hotline 24 siegħa kuljum li tista' tiġi aċċessata minn persuni sabiex jiġu evitati aktar abbużi tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari f'każ li persuna tkun f'riskju li tiġi rritornata b'mod arbitrarju lejn pajjiż terz.***

***6. Il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ Indipendenti għandu jkun jista' jimmonitorja wkoll il-proċess eventwali ta' sanzjonijiet u rimedju li l-Istati Membri jkollhom jimplimentaw kif deċiż***

***minn awtoritajiet ġudizzjarji jew nazzjonali jew Ewropej oħra.***

Or. en